VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,405, 8 ta' April, 2015
Taqsima B

A.L. 122 tal-2015

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Direttivi tal-Unjoni Ewropea

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 52B u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ. L.S. 123.74

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Direttivi tal-Unjoni Ewropea u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Direttivi tal-Unjoni Ewropea, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2016.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "għandha tinqara skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III ta' dik l-istess Direttiva." għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"Mill-1 ta' Jannar 2016, id-Direttiva tal-UE 2014/86/EU tat-8 ta' Lulju 2014 li temenda d-Direttiva 2011/96/EU dwar is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti għandu jkollha effett fir-rigward tal-Atti dwar it-Taxxi.".